MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-27 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 907/2004

Citadel Insurance p.l.c.
vs
Laferla Insurance Agency Limited

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici li biha ppremettiet:

Illi s-socjeta` konvenuta kienet topera bhala agent tas-socjeta` attrici u dan ai termini ta’ ftehim bejn il-partijiet tal-15 ta’ Dicembru 2000 u li kien gie terminat fit-28 ta’ Gunju, 2003.

Illi fil-vesti ta’ agent taghha ta’ agent il-kumpanija konvenuta kienet gabret jew kellha tigbor akkont tas-socjeta` attrici diversi flejjes rapprezentanti import ta’ insurance premia u somom ohra liema flejjes kienu jappartjenu lill-kumpanija attrici.

Illi l-kumpanija konvenuta kellha trodd lill-kumpanija attrici s-somma ta’ Lm12,128.30 (tnax-il elf mija tmienja u ghoxrin lira Maltija u tletin centezmu) migbura kif premess akkont tal-kumpanija attrici.

Illi interpellata ghall-hlas il-kumpanija konvenuta kienet baqghet inadempjenti.

Is-socjeta` attrici talbet lill-Qorti:

1. Tikkundanna lill-kumpanija konvenuta thallas lill-kumpanija attrici s-somma ta’ Lm12,128.30 (tnax-il elf mija tmienja u ghoxrin lira Maltija u tletin centezmu) import ta’ premia assigurativi u somom ohra liema flejjes jappartjenu lill-kumpanija attrici li l-kumpanija konvenuta li gabret u/jew kellha tigbor ghan-nom u fl-interess tal-kumpanija ai termini tal-fuq imsemmi ftehim.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ kull ittra interpellatorja u bl-imghaxijiet minn meta l-imsemmija flejjes kellhom jithalsu lill-kumpanija attrici sad-data tal-pagament effettiv.

Il-kumpanija konvenuta u rapprezentanti taghha gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` attrici.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta li biha eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici kellhom jigu respinti bl-ispejjes kontra l-istess socjeta` attrici billi s-socjeta` konvenuta ma kellha taghti ebda somma lil dik l-attrici.

2. Illi s-somma ta’ Lm12128.30, reklamata mis-socjeta` attrici f’din il-kawza kienet giet pacuta u kompensata in kwantu ghas-somma ta’ Lm12120 ma’ somma ekwivalenti dovuta u pagabbli mis-socjeta` attrici lil dik konvenuta bhala profit commission miftiehem bejn il-kontendenti u

likwidat b'mod konformi mal-prattika u l-uzanzi tan-negozju tal-assikurazzjoni kif konfermat u miftiehem bejn il-kontendenti u in kwantu ghall-bilanc ta' Lm8.30 kien kompensat ma' credit note f'dan l-ammont mahrug lis-socjeta` konvenuta minn dik attrici.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni ta' Mark Laferla in rapprezentanza tas-socjeta` konvenuta, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` konvenuta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**
Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` attrici.

Gie prezentat affidavit ta' Joseph Tabone, ***Chairman*** tas-socjeta` attrici li fih intqal li x-xhud ghandu esperjenza twila fis-settur tal-assigurazzjoni. Qal li s-socjeta` attrici ghandha diversi azzjonisti lokali u barranin, u topera bhala kumpanija tal-assikurazzjoni fl-oqsma ta' ***General Business***, ***Motor Business*** u fl-Assikurazzjoni tal-Hajja. Dwar in-negozjati mas-socjeta` konvenuta qal li din kellha bzonn urgenti li tikkonkludi ftehim ta' agenzija ma' kumpanija assiguratrici. Citadel kienet interessata u fit-2 ta' Dicembru 2000 bdew jiddiskutu. Kompla jghid li Mark Laferla beda jippressah biex jikkonkludu l-ftehim sal-15 ta' Dicembru 2000 anke minhabba li Laferla kellha bzonn issib principal sa dik id-data. Qal li kien hemm certi klawsoli fil-ftehim li Citadel kienet tqishom fundamentali u kien hemm ohrajn li seta' kien hemm il-htiega li jinbidlu. Sostna li lil Mark Laferla kien infurmah dwar dan. Ix-xhud sostna li l-metodu ta''kif tinhadem il-***Profit Commission*** ma kenitx mehmuza mal-***Agency Agreement*** minhabba li ma kienux qablu dwar il-metodu. Kompla jghid li waqt il-

laqghat Mark Laferla insista dwar emendi li ghas-socjeta` attrici ma kienux jaghmlu sens kummercjali u ma accettawhomx. Mark Laferla kien ghazel li jiffirma l-abbozz. Fil-15 ta' Dicembru 2000 Mark Laferla kellem lix-xhud u qallu li kien ser jghaddi ghall-***agency agreement*** u ghall-***binding authority agreement***. Ix-xhud stiednu jmur l-MFSA u jezamina d-dokument sew u qallu li dak l-abbozz kien l-ahhar offerta ta' Citadel. Ix-xhud sostna li Mark Laferla sfolja l-kuntratt dak il-hin u qabad u ffirma l-ftehim, izda ma ffirmax il-***binding authority agrement***, kif ukoll naqas li jinizjala kull pagna kif kienu ghamlu x-xhud u Lino Cassar. Sostna li Citadel ma ghamlet l-ebda pressjoni fuq Mark Laferla biex jiffirma. Ix-xhud qal li kien irrizultalu li Mark Laferla kien irranga mal-MFSA biex jistennewh wara l-hin tax-xoghol biex jaghtihom kopja tal-ftehim iffirmat u jirrilaxxjawlu l-licenzja biex ikompli jopera bhala agent. Dan saru jafuh ghax waqt li Mark Laferla kien ghandhom cempel l-MFSA quddiemhom stess biex jara li kienu qed jistennewh.

Kompla jghid li bil-bidu kien hemm problemi teknici minhabba li s-socjeta` konvenuta ma kenitx ***up to date*** mal-i***standards*** u l-proceduri ta' Citadel. Zmien wara z-zewg partijiet bdew jiltaqghu biex jiddiskutu pakkett ta' emendi li kienu jinkludu l-metodu ta' komputazzjoni tal-***Profit Commission***. Ix-xhud sostna li l-punti li kienu qed jigu diskussi qatt ma gew separati. Sostna li s-socjeta` attrici dahlet ghal dawk id-diskussjonijiet minghajr pregudizzju, u lil Mark Laferla kien ghamilhielu cara mill-ewwel li kull ftehim li jintlahaq kellu jhaddan il-punti kollha diskussi u maqbula bejniethom. Ghalhekk ma setax isir ***addendum*** fuq parti biss mill-pakkett. Sostna li s-socjeta` konvenuta baqghet ma qablitx fuq il-klawsola tar-***Run-off*** kif proposta minn Citadel. Qal li s-socjeta` konvenuta baqghet topera bhala agent ta' Citadel sat-28 ta' Gunju 2003 u qatt ma regghet irrilevat il-kwistjoni dwar il-pakkett ta' emendi. Zied jghid li meta gie terminat il-ftehim ta' agenzija mis-socjeta` konvenuta, hija kienet naqset li thallas Lm12,128.30.

Xehed <u>Joseph Tabone</u> li qal li Mark Laferla ried li l-***Profit Commission*** tinghata fuq certu metodu li Citadel ma

setghetx taccetta ghax Laferla ried li din tinhadem kull sena. Ix-xhud qal li din ma setghetx issir ghax il-***claims*** idumu biex jirrisolvu ruhhom u ghalhekk ma din ma setghetx tinhadem kull sena. Dan il-ftehim ma kienx sar u thalla barra mill-kuntratt originali. Ix-xhud kien qal lil Mark Laferla li ma jimpurtax jekk jiddiskutu wara fuq dan ilpunt pero` sostna li kien qallu wkoll li meta jiddiskutu jrid ikun pakkett wiehed u jsir ***addendum*** mal-kuntratt biex ibiddluh. Dan minhabba l-fatt li meta kien sar il-kuntratt bejniethom dan kien gie rikonoxxut mill-MFSA.

Qal li d-diskussjonijiet ta' bejniethom kien waqqafhom Mark Laferla. Ix-xhud qal li huma ta' Citadel riedu jaghtu l-***commission*** fuq certu sistema izda Laferla ma riedx jaccetta dik is-sistema. Ma kien gie emendat xejn mis-sistema li kienu qed jitkellmu fuqha biex il-kuntratt ikun emendat legalment, u anqas kien hemm ftehim fuq is-sistema tal-***commission***. Ix-xhud qal li jekk il-kuntratt tal-15 ta' Dicembru ma kienx alterat, ma setax ikun hemm ***profit commission*** ghax din ma gietx maqbula u emendata. Kompla jghid li kien veru li kienu qed jiddiskutu li kellu jsir ***profit commission*** izda din thalliet barra mill-kuntratt. Qal li kien hemm affarijiet ohra minbarra l-***profit commission*** li Laferla kienu ssuggerew u li xtaqu jbiddlu izda Citadel kienet kuntenta bil-ftehim tal-15 ta' Dicembru u ghalhekk ma kienx hemm ghalfejn isiru emendi. Dwar ***Procedure for settlement of claims***, ***printing expenses***, ***fixed agency commission rates***, ***motor underwriting guidebook***, ***self drive personal accident insurances***, ***Laferla insurance schemes u agency underwriting limits*** kienu punti li Mark Laferla xtaq iqajjem, izda Citadel kienet gja rrifjutathom.

Rat id-dikjarazzjoni ta' Mark Laferla ghas-socjeta` konvenuta.

Gie prezentat affidavit ta' Mark Laferla li fih issemma li hu ***Managing Director*** tas-socjeta` konvenuta u ilu f'din il-kariga mill-1984. Hu kellu diversi laqghat ma' Joseph Tabone, ***Chairman*** ta' Citadel Insurance p.l.c. u s-Sur Tabone wera interess li jakkwista l-kumpanija Laferla. Waqt il-laqgha tal-1 ta' Dicembru 2000 x-xhud kien

accetta li l-kumpanija konvenuta ssir agent tas-socjeta` Citadel sakemm jigi finalizzat il-bejgh jew sakemm jaraw li l-bejgh seta' jew ma setax isir. Wahda mill-kundizzjonijiet kienet li jkun hemm ***Profit Commission*** pagabbli lil Laferla minn Citadel. Fl-***agency Agreement*** li Citadel ipprezentat lil Laferla kien innotat li Citadel taghti ***Profit Commission*** lil Laferla. Qal li din hija prattika fis-suq bejn Principal u Agent tal-assigurazzjoni. Joseph Tabone kien qal lix-xhud li l-metodu ta' kif din kellha tinhadem kellu jigi maqbul bejniethom. Il-metodu ta' komputazzjoni tal-***Profit Commission*** kien gie maqbul f'laqgha tat-8 ta' Ottubru, 2001. Is-Sur Tabone, Chairman tas-socjeta` Citadel p.l.c. kien ikkonferma dan il-ftehim f'ittra tat-12 ta' Ottubru 2001 f'ittra lil Dr. Stephen Thake, Segretarju tal-Kumpanija Laferla.

Kontemporanjament ma' dawn id-diskussjonijiet kienu qed isiru diskussjonijiet ohra dwar pendenzi ohra bejn il-kumpaniji Citadel u Laferla. Wara nuqqas ta' qbil fuq il-punti kollha, Is-Sur Tabone baghat ittra li fiha qal li Citadel kienet ser tqis l-***agreement*** originali bhala dak li jorbot iz-zewg partijiet. F'Dicembru 2002 Laferla kienet avzat lil Citadel li kienet qed tittermina l-agenzija taghha. Ix-xhud sostna li l-kundizzjoni ta' "qbil fuq kollox jew xejn" qatt ma kienet miftiehma bejn il-partijiet qabel ma bdew id-diskussjonijiet.

Fl-10 ta' Jannar 2003 Laferla kitbet lil Citadel biex tithallas Lm12,120 ***Profit Commission*** dovut skond il-metodu maqbul bejniethom. L-ammont tas-sena ta' qabel ma kienx intalab ghax kien ammont zghir. Citadel kienet irrifjutat li thallas ghax ma kienx intlahaq ftehim fuq il-punti kollha bejn iz-zewg kumpaniji u peress li Laferla kienet tat in-***notice of termination*** taghha fis-27 ta' Dicembru, 2002. Citadel ikkwotat klawsola 14 tal-***Agency Agreement***. Ix-xhud enfasizza li l-kundizzjoni ta' "qbil fuq kollox jew xejn" qatt ma kienet miftiehm bejn il-partijiet qabel bdew id-diskussjonijiet biex jigi emendat l-***Agency Agreement***. Enfasizza wkoll li l-***Agency Agreement*** ma giex terminat ghax kien inghata ***notice period*** ta' 6 xhur. Sostna li Citadel trid thallas lil Laferla l-***Profit Commission*** ghal sitt xhur mill-1 ta' Jannar 2003.

Gie prezentat affidavit ta' Robert Baldacchino ***General Manager*** tas-Socjeta` konvenuta mill-1 ta' Jannar 1999 li fih issemma li meta x-xhud kien ra l-***Agency Agreement*** kien gibed l-attenzjoni ta' Mark Laferla li l-klawsola 14 u appendici 5 kienu neqsin minn dan il-ftehim. Kien jaf li Mark Laferla gibed l-attenzjoni ta' Joseph Tabone, ***Chairman*** tas-Citadel. Matul l-2001 saru laqghet bejn Laferla u Citadel biex jindirizzaw dan in-nuqqas. Mil-lat tekniku ta' komputazzjoni tal-***Profit Commission*** l-aktar li kienu involuti kienu x-xhud ghal Laferla u Lino Ciantar ghal Citadel. Wara diversi diskussjonijiet kienu ftiehmu dwar il-metodu ta' komputazzjoni. Ix-xhud sostna li permezz ta' dan il-ftehim l-Appendici 5 tal-***Agency Agreement*** kien gie finalizzat. Fis-27 ta' Jannar 2003 Joseph Tabone kien informa lil Laferla li l-ftehim fuq il-komputazzjoni ma kienx validu ghax Laferla u Citadel ma kienux qablu fuq l-emendi kollha. Qal li skond il-metodu ta' komputazzjoni maqbul bejn Citadel u Laferla, l-ammont ta' ***Profit Commission*** dovut lil Laferla sa Dicembru 2002 kien jammonta ghal Lm12,120. Sostna li Laferla ghandha tithallas ukoll ghal sitt xhur mill-1 ta' Jannar 2003.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi f'din il-kawza, is-socjeta` attrici kienet ghamlet ftehim mas-socjeta` konvenuta biex din ta' l-ahhar topera bhala agent. Dan il-ftehim sar fil-15 ta' Dicembru 2000 u gie tterminat fit-28 ta' Gunju 2003, fejn il-kumpanija Laferla bhala agent tal-kumpanija Citadel, kellha tigbor diversi flejjes fir-rigward ta' ***insurance premia***. Din il-kawza nfethet sabiex jintraddu lura l-flus migbura minn Laferla Insurance Agency Limited bhala agent, liema somma tammonta ghal tnax-il elf, mija u tmienja u ghoxrin Liri Maltin u tletin centezmu (LM12,128.30).

Min-naha l-ohra, is-socjeta` konvenuta eccepiet li t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti peress li s-socjeta` konvenuta m'ghandha taghti ebda somma. Di piu`, gie eccepit li s-somma mitluba mis-socjeta` attrici giet pacuta ma' somma ekwivalenti u dovuta lis-socjeta` konvenuta bhala ***profit commission***.

Jibda biex jinghad, li s-socjeta` konvenuta sostniet li t-tpacija tista' titqajjem ***per via di eccezione***. Min-naha l-ohra, is-socjeta` attrici sostniet li biex it-tpacija, ***per via di eccezione*** tkun valida, l-ammont irid ikun cert, likwidu u dovut. U gie sostnut ukoll mis-socjeta` attrici li fil-kaz odjern, m'hemmx lanqas kontro-talba.

Illi dwar ir-rikonvenzjoni l-artikolu 396 tal-Kap 12 jiddisponi:
"Fil-kawzi, l-konvenut jista' jaghmel kontro-talba kontra l-attur, basta li din il-kontro-talba tkun konnessa mat-talba tal-attur kif sejjer jinghad hawn taht - …":

U fis-subartikolu (b) jinghad hekk:
"meta l-iskop tal-kontro-talba tal-konvenut huwa li jpaci l-kreditu mitlub mill-attur, jew li b'kull mod iehor igib fix-xejn l-azzjoni ta' l-attur jew li jimpedixxi l-effetti taghha."

Ghalhekk, il-ligi fir-rigward tal-kontro-talba, tuza l-kelma "jista'" li jfisser li din mhux rekwizit essenzjali u obbligatorju.

Di piu` l-artikolu 1196 tal-Kap 16 jipprovdi hekk:
"(1) Meta tnejn min-nies huma debituri lejn xulxin, issir bejniethom tpacija.

(2) It-tpacija ssir ***ipso jure***, u wkoll minghajr ma jkunu jafu d-debituri. Hekk kif ikunu jezistu zewgt idjun fi zmien wiehed, jinqatlu wiehed bl-iehor sakemm ikunu indaqs."

U l-artikolu 1197 ikompli ighid hekk:
(1)"It-tpacija ssir biss bejn zewgt idjun li jkollhom it-tnejn bhala oggett somma ta' flus, jew kwantita` determinata ta' hwejjeg fungibbli tal-istess speci, u li jkunu t-tnejn likwidi u li jistghu jintalbu."

(2) "Id-dejn huwa likwidu meta huwa cert ukoll f'dik li hija kwantita`."

Ghalhekk, johrog car mil-ligi li biex tregi tali eccezzjoni ta' tpacija l-ammont irid ikun, cert, likwidu u dovut. (Ara **Marianna Spiteri et vs Joseph Vella** deciza mill-Prim'

Awla Qorti Civili fit-3 ta' Mejju 1993, u **Rausi Insurance Agency Ltd. vs Antoine Vassallo** deciz mill-Prim' Awla Qorti Civili fid-19 ta' Novembru 2003.

F'dan il-kuntest, ta' min isemmi li fil-kaz **Marianna Spiteri et vs Joseph Vella** deciz mill-Prim' Awla Qorti Civili fit-3 ta' Mejju 1993 inghad li:
"minn dan naraw li l-eccezzjoni ta' tpacija fiha nfisha tammonta ghal ammissjoni tad-debitur, u li dan id-debitu huwa dovut, biss mghandux jithallas ghax huwa pacut minn ammont iehor dovut mill-kreditur."
(Ara wkoll **Donald Orr noe vs Edward Gingell Littlejohn et,** Appell Kummercjali tat-18 ta' Gunju 1984, u **Stefan Zrinzo Azzopardi noe vs Michael Vella noe,** deciz mill-Qorti tal-Kummerc fl-24 ta' Frar 1995, **Macpherson Mediterranean Ltd. vs J.Lautier Co. Ltd.** deciza mill-Prim' Awla fl-1 ta' Ottubru 2002, **Adrian Stivala vs Gerald de Trafford** Prim'Awla 5 ta' Ottubru, 1998, **Joseph Agius et noe vs Peter Cassar Torreggiani et noe** Prim'Awla 30 ta' Marzu, 2001 [LXXXV-II-II-III-392]; **Leonard Vassallo Cesareo vs Alexander Grima et** Prim'Awla 28 ta' Ottubru, 1998.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Philip Grima vs Carmel Mamo et** deciza mill-Onor. Qorti tal-Appell Superjuri Civili deciza fid-29 ta' Mejju 1998 intqal:
"Il-kompensazzjoni ma tistax tigi eccepita meta l-kreditu, minflok ikun cert, likwidu u dovut, ikun wiehed dibattut u suggett ghal-litigazzjoni f'kawza separati. Bizzejjed jinghad li l-kawza l-ohra li ghaliha saret riferenza tirrigwarda pretensjoni ta' l-attur li hu ghandu dritt ghad-danni sofferti bhala konsegwenza li l-konvenuti naqsu li jaghmlu x-xogholijiet li kellhom jaghmlu sewwa skond l-arti u s-sengha u skond il-ligi. F'dawn ic-cirkonstanzi allura ma jidhirx kif l-ewwel Qorti setghet taccetta eccezzjoni ghat-tpacija meta ma jokkorux l-elementi bazici li trid il-ligi biex dan ikun jista' jsehh, kif korrettement enuncjat is-sentenza appellata.

Il-konvenuti appellanti kellhom, u jista' jkun ghad ghandhom, ghad-dispozizzjoni taghhom, mezzi fil-ligi biex javanzaw il-pretensjonijiet taghhom kontra l-attur. Jispetta

ghalihom li jaghmlu uzu minnhom. Ma jistghux pero` jippretendu li din il-Qorti testendi l-interpretazzjoni ta' l-eccezzjoni tat-tpacija fejn il-ligi dan ma tippermettihx. Ma tistax din il-Qorti allura tiskarta l-element essenzjali tac-certezza u tal-likwidita` tal-kreditu li mieghu l-konvenut ikun qed jippretendi li ghandu d-dritt li jaghmel tpacija, kif lanqas tista` tapplika ghal dan l-element essenzjali xi interpretazzjoni anqas restrittiva minn dik li timponi l-ligi u mhux minnha konsentita, kif donnhom qed jippretendu l-appellanti proprio et nomine. F'dan ir-rigward il-konsiderazzjonijiet ta' l-ewwel Qorti jirrizultaw ghal kollox korretti u konfortati, mhux biss mil-ligi, imma wkoll mill-gurisprudenza konstanti ta' dawn il-Qrati.

"Illi in tema legali gie ritenut mill-Qrati taghna, illi l-kompensazzjoni ssir 'ipso iure' u anke minghajr ma jkunu jafu d-debiuri hekk kif ikunu jezistu zewgt idjun fi zmien wiehed, jinqatlu wiehed bl-iehor, safejn ikunu ndaqs. Izda l-kompensazzjoni ma tistax tigi nvokata bhala li operat ruhha 'ipso iure' ghar-rigward tal-krediti li ma humiex ammessi mill-parti l-ohra".

"Fi kliem iehor il-kompensazzjoni ma tistax issir jekk mhux bejn zewg debiti, ugwalment likwidi u certi. Inoltre, "ghalkemm il-likwidita' taz-zewg krediti mhix estrem essenzjali ghall-kompensazzjoni gudizzjali, izda meta l-likwidazzjoni tal-kreditu dedott in kompensazzjoni mhix facli u spedita, dik il-kompesazzjoni m'ghandiex tigi facilment akkolta". (Kol. XXXVII, P.I., p.490) (XVII, P.III, p.4). U fil-kawza "Ellul – vs – Scicluna" Appell ll ta' Frar, l903, (Vol.XVII,P.I., p. 79) gie ritenut li l-eccezzione della compensazione gudiziale non e' ammissibile quando il-credito di chi li deduce sida di lunga liquidazione". (Vol. XVIII, P. I, p. 79)".

Hekk gie ritenut b'sentenza tal-Qorti tal-Kummerc ta' l-l ta' Gunju, l990, fl-ismijiet "L-Avukat Dr. John Mamo nomine – vs – Edward Borg, proprio et nomine". Insenjament dan li baqa' jigi segwit b'mod konsistenti minn dawn il-Qrati u li ma hu xejn hlief rifless ta' l-istat ta' ligi kif enuncjat fil-Kodici Civili. "Imma l-kompensazzjoni ma tistax tigi invokata bhala li operat ruhha 'ipso iure' ghar-rigward ta'

krediti li ma kienux ammessi mill-parti l-ohra". (Appell Civili, l8 ta' Mejju, l953, Paul Abela – vs – Paul Laferla nomine, Vol. XXXVII, P.I. p. 490, u decizjoni ohra ta'din il-Qorti tat-2 ta' Novembru, l995, fl-ismijiet Dr. Jose' Herrera nomine – vs – Victor Tabone nomine). Certament ma jistax ikun hemm kaz aktar ovvju u car ta' kontestazzjoni tal-kreditu pretiz mid-debitur li qed jallega tpacija fejn dak l-istess debitu jifforma l-meritu ta' kawza ad hoc intavolata kontra tieghu mill-kreditur li qed jallega li sofra danni minhabba nadempjenza kontrattwali da parti tieghu. L-appell hu ghalhekk insostenibili fil-ligi."

Fil-kaz in ezami, il-pretensjoni tas-socjeta` attrici hija certament ghal ammont likwidu fis-somma ta' tnax il-elf, mija u tmienja u ghoxrin Liri Maltin, u tletin centezmu (LM12,128.30) skond id-dokumenti a fol 52 ***et sequitur***, mentri l-pretensjoni tas-socjeta` konvenuta ma tirrizulta minn imkien f'ammont cert u likwidu. Anzi, jigi rilevat li r-rata tal-***profit commission*** ma tirrizulta minn imkien f'ammont cert. Ara wkoll il-kopja tac-citazzjoni fl-ismijiet inversi 475/03 a fol 67 et tal-process. Ukoll jigi rilevat, li r-rata tal-***profit commission*** ma tirrizulta minn imkien, lanqas mill-ftehim ta' bejn il-partijiet a fol 36, ghalkemm jirrizulta li x-xoghol tal-gbir tal-***premiums*** maghmul mis-socjeta` konvenuta kellu b'xi mod jigi kkumpensat bi hlas, bhala ***profit commission***. Izda, peress li ma jirrizultax mill-atti, l-ebda rata ma hemm biex tinhadem din il-***profit commission***. Ghalhekk, stante li ma jirrizultawx ir-rekwiziti kollha essenzjali tat-tpacija, tichad it-tieni eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta.

Irrizulta li sar ***Agency agreement*** bejn iz-zewg socjetajiet ( a fol 36 sa 51). Jirrizulta wkoll hekk kif ikkonfermaw kemm fl-affidavit Mark Laferla ghas-socjeta` Laferla Insurance Agency Limited u kemm Joseph Tabone ghas-socjeta` Citadel Insurance li kellu jkun hemm ***Addendum*** li jigi mehmuz jew jikkjarifika l-kuntratt, fir-rigward tal-***Profit commission*** li ghandha tithallas lis-socjeta` Laferla. Illi s-socjeta` konvenuta sostniet li kienet saret laqgha fit-8 ta' Ottubru 2001 fejn kien sar qbil fuq il-metodu tal-komputazzjoni tal-***profit commission***. U ma jistghux jifhmu ghaliex l-ittra ta' Tabone tas-27 ta' Jannar

2003 (a fol 18) tghid li dak il-ftehim fuq il-komputazzjoni tal-***profit commission*** ma kienx validu ghax- iz-zewg partijiet ma kinux qablu fuq emendi ohra fl-***Agency Agreement***. Illi kien hemm hafna korrispondenza bejn iz-zewg socjetajiet f'dan ir-rigward.

Hawnhekk, ta min ighid li fi ftehim bil-miktub, il-kontenut ghandu johrog mill-istess kitba. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Civili Inferjuri tat-28 ta' Jannar 1999 fl-ismijiet **Frendo vs Caruana** jinghad li huwa principju ta' dritt li meta ftehim jigi redatt bil-miktub, il-kontenut tal-istess ftehim ghandu johrog mill-istess kitba, inattez id-diskussjonijiet u kif dawn zvolgew. Hu prezunt li dak li l-partijiet ikunu ftehmu fuqu, ikun gie mnizzel fil-kitba, u dak li jkun diskuss izda ma jirrizultax mill-kitba, jitqies jew li ma sarx qbil fuqu jew li gie rinunzjat. Ara wkoll sentenza ta' din il-Qorti kif presjeduta tat-22 ta' Gunju 2004 fl-ismijiet **Simpson vs Saliba.** Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kummercjali fl-ismijiet **Albert Brincat vs Anthony Saliba** deciza fl-14 ta' Novembru 1983 jinghad li jistghu jigu prodotti provi orali biex jigu elucidati punti oskuri ta' kitba, jew ghall-impunjazzjoni ta' kitba; izda l-provi orali mhumiex ammissibbli biex ifissru dak li fih innifsu huwa diga car – ara artikolu 1002 tal-Kap 16. Ukoll, min jallega fatt ghandu l-piz ta' prova fuq spallejh – **Gustav Ricci vs Harry Latzen** deciza minn din il-Qorti fit-18 ta' Frar 1965.

Fil-kaz in ezami ghandna l-ftehim bil-miktub a fol 36 sa 57. Is-sitt paragrafu ta' dan il-ftehim ighid hekk:
"The agent shall be entitled to receive commission and the Principal will either credit or pay the Agent the said commission upon the premiums received and collected by the Agent on behalf of the Principal and remitted to the principal only as stated and in accordance with the Binding Authority."……………………
"The rates of commission and where applicable profit commission shall be determined by and be either credited or paid in accordance with the Binding Authority."

Ir-regola kardinali hi li prova dokumentarja ma tistax titwaqqa' bi prova kontra dak li tghid il-kitba, jekk mhux ghal ragunijiet serji. (Ara **Grech Sant noe vs Farrugia**

**noe et ,** Appell Civili fit-28 ta’ Frar 1997, u **Zammit et vs Zammit et,** Appell Superjuri Civili tat-30 ta’ Jannar 1967, u **Lungaro Mifsud noe. vs Polidano,** Appell Kummercjali tat-28 ta’ Ottubru 1960).

Jigi dedott li fid-dokument a fol 36, ma jinghadx li hemm rata fissa kif tista ssir il-komputazzjoni tal-***profit commission***; hemm refernza biss ghal ***Binding Authority***, li suppost gie mehmuz ***Addendum*** mal-ftehim a fol 36 li qatt ma sar qbil fuqu, u ghalhekk dan l-***Addendum*** qatt ma gie finalizzat bhala ftehim bil-miktub, u ffirmat mill-partijiet. Illi sar accenn ghal dan il-***Binding Authority Agreement***, fl-ittra li s-Citadel baghtet lis-socjeta` konvenuta, b’mod partikolari ghal klawsola 14, izda dan il-***Binding Authority Agreement*** qatt ma gie ffirmat miz-zewg partijiet, u ghalhek dan gie biss diskuss u mhux finalizzat.

Ghalhekk, il-Qorti hija tal-fehma li s-socjeta` konvenuta ghandha tithallas kummissjoni ghax-xogholijiet li wettqet bhala agent tas-socjeta` Citadel, u dan ghall-perjodu sakemm gie terminat il-kuntratt, izda, peress li ma jirrizulta l-ebda mod ta’ komputazzjoni ta’ din il-***profit commission*** mill-atti, dan ma hux likwidu.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta u peress li rrizulta li t-talbiet attrici huma gustifikati, tilqa’ t-talba tas-socjeta` attrici.

Tikkundanna lill-kumpanija konvenuta thallas lill-kumpanija attrici s-somma ta’ Lm12,128.30 (tnax-il elf mija tmienja u ghoxrin lira Maltija u tletin centezmu).

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet minn meta l-imsemmija flejjes kellhom jithallsu lill-kumpanija attrici sad-data tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------